

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5667 – ACE/FTQ/FSI/Mecachrome)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2009/C 271/10)

1. Fl-4 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika, skont l-Artikolu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾, dwar proposta ta' konċentrazzjoni li permezz tagħha l-impriżi Aerofund u Aerofund II ikkontrollati minn ACE Management (Franza), il-Fonds de solidarité des travailleurs du Québec ("FTQ", il-Kanada) u l-Fonds stratégique d'investissement ("FSI", Franza) ikkontrollata mill-Caisse des Dépôts et Consignations ("CDC", Franza) jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b), tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt tal-impriża Mecachrome International Inc. ("Mecachrome", il-Kanada) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal Aerofund: fondi għall-investment,
 - għal Aerofund II: fondi għall-investment,
 - għal FTQ: fondi għall-investment,
 - għal FSI: fondi għall-investment,
 - għal Mecachrome: komponenti kumplessi ta' preċiżjoni għolja destinati għall-industrija tal-aeronawtika, tal-karozzi u tat-tagħmir industrijali.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5667 – ACE/FTQ/FSI/Mecachrome, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.